# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum is-16 ta' Jannar 2020**

Appell numru 538 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Malcolm Brandon SAMMUT**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-6 ta' Diċembru 2017 fil-konfront ta' Malcolm Brandon SAMMUT, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 230390M fejn ġie mixli talli fis-6 t' April 2014, għall-ħabta tal-17:20 fi Triq iż-Żejfa kantuniera ma Triq Patri Ġuże Delia, l-Mosta, waqt li kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP635 (in suċċint):

i. Ikkaġuna ħsara involontarja fuq il-vettura EBO 801 għad-dannu ta' Jesmond Joseph Galea;
ii. Ikkaġuna offiża gravi involontarja fuq il-persuna ta' Keira-Jewel Galea;
iii. Li saq dil-vettura b'veloċita eċċessiva;
iv. Li saq dil-vettura b'manjiera traskurata;
v. Li saq dil-vettura bla kont;
vi. Li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku ikkommetta reat li kellu jissorvejla biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu dmir li jimpedixxi.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti iddeċidiet li wara li rat l-artikoli :

> Sec. 141, 328, 328(b) tal-Kap 9; Sec.15(1)(a)(2) tal-Kap 65; u MVR 127, L.S. 65.11.....in vista tal-provi li rrizultawlha u tal-konsiderazzjonijiet suesposti din il-qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet u l-hames akkuzi, filwaqt li ssibu hati tal-akkuzi l-ohrajn b'dan illi r-raba akkuza hija assorbita fl-ewwel u fit-tieni akkuzi izda fil-qies tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reat u l-karattru tal-hati, u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena millum. Fic-cirkostanzi l-Qorti ma tqisx li ghandha tissospendi l-licenzji tas-sewqan tal-impputat. Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 fuq imsemmi l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza.

3. Permezz ta' rikors datat 15 ta' Diċembru 2017, l-imputat interpona appell minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux ħati u lliberatu mit-tielet u ħames imputazzjonijiet filwaqt li talbitha tħassar il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet u minflok li tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, u dan għar-raġunijiet, li in suċċint, huma s-segwenti : -

a. Għalkemm ġie mixli li kkaġuna ħsara involontarja fuq il-vettura EBO801 għad-dannu ta' Jesmond Joseph Galea huwa ġie misjub ħati li kkaġuna

ħsara involontarja fuq il-vettura GVP635 – ċjoe offiża differenti minn dik li kienet imputata lilu fiċ-ċitazzjoni;

b. L-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati kien żbaljat għal diversi raġunijiet fosthom li :

i. l-Qorti straħet ukoll fuq stqarrijiet rilaxxjati fl-inkjesta mill-ko-imputat Jesmond Joseph Galea;

ii. l-Qorti għamlet interpretazzjoni żbajlata tal-elementi essenzjali li jikkompomu r-reati kolpużi skont kif spjegat minnu fir-rikors tal-appell.

c. Jekk dil-Qorti jidhrilha li kien hemm xi forma ta' culpa da parti tal-imputat fiċ-ċirkostanzi tal-każ din hija ritenibbli bħala culpa levissima li fil-kamp penali hija ekwiparabbli mal-casus;

d. Li s-sewqan tal-imputat appellant ma kien bl-ebda mod klassifikabbli bħala traskurat;

e. Li l-appellant ma setgħa qatt jiġi misjub ħati tas-sitt imputazzjoni in kwantu biex din tirriżulta r-reat li tiegħu jinstab ħati ma jistax ikun wieħed ta' natura involontarja.

4. Rat l-atti kollha u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet matul l-udjenza;

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi f'dan il-każ jirriżulta li l-inċident stradali in kwistjoni seħħ meta l-appellant kien qiegħed isuq vettura tas-servizz tal-Korp tal-Pulizija – GVP 635, waqt li huwa kien fis-servizz mar-*Rapid Intervention Unit*, u kien qiegħed jirrispondi għal sejħa urġenti biex flimkien ma kollegi tiegħu, b'urġenza, jerħulha lejn l-Imġarr fejn kien għadu kif seħħ inċident ieħor fejn allegatament xi persuni kienu ġew aggrediti permezz ta' xi biċċa injama wara inċident stradali ieħor f'dik il-lokalita. L-appellant kien qiegħed isuq il-vettura tas-servizz mid-direzzjoni tal-Mosta lejn id-direzzjoni għat-triq li twassal lejn ir-*roundabout* li mbagħad twaslek lejn it-triq li tagħti għall-Imġarr.

6. Waqt li l-appellant kien qiegħed isuq din il-karozza min Triq iz-Zejfa, Jesmond Joseph Galea wkoll kien qiegħed isuq il-vettura Toyota Corolla bin-numru tar-reġistrazzjoni EBO 801 f'din it-triq, iżda kien ġej mid-direzzjoni opposta. F'mument minnhom il-vettura misjuqa minn Galea daħlet fuq il-parti fejn hemm *central strip* bi vleġġa mal-art u beda l-manuvra li jaqsam il-karreġġjata opposta biex minn din it-triq prinċipali - Triq iz-Zejfa - jidħol fi triq laterali jisimha Triq Patri Ġużè Delia. Kien waqt li Galea kien qiegħed jagħmel din il-manuvra ta' qsim tal-karreġġjata opposta li seħħ l-impatt bejn il-vettura misjuqa mill-appellant mal-vettura misjuqa minn Galea. Konsegwenza għal dan l-impatt, kemm il-vettura tas-Servizz GVP 635 kif ukoll il-vettura ta' Galea EBO 801 ġarbu ħsarat estensivi. Minbarra dan, il-minuri Keira-Jewel Galea, passiġġiera fil-vettura misjuqa minn Galea, mingħajr ma kienet liebsa ċinturin tas-sigurta, sofriet offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna tagħha.

7. Ġie pruvat soddisfaċentement ukoll li waqt li l-appellant kien qiegħed isuq, il-veloċita li biha kien qiegħed isuq kienet superjuri għal dik regolamentari f'dik it-triq, fissata fi tmenin kilometru fis-siegħa. Il-*Highway Code* Malti, fir-regolament 272 jipprovdi li f'dawk li huma *non built up areas,* bħal ma ġie pruvat li kienet l-area fejn seħħ dan l-inċident, sakemm ma hemmx indikazzjoni oħra, il-veloċita massima għal vettura bħal dik misjuqa mill-appellant kellha tkun dik ta' tmenin kilometru fis-siegħa.

8. Iżda peress li din hija vettura tas-servizz tal-Korp tal-Pulizija, japplika wkoll ir-regolament numru 275, li jgħid hekk :

> Any of the above speeds may be restricted by appropriate traffic signs. Ambulances, fire-engines, police cars and other emergency vehicles, using the siren and flashing lights or other appropriate signal are exempt from the above speed limits.

9. Ġie pruvat ukoll pero li waqt li l-appellant kien qiegħed isuq l-istess vettura huwa kellu kemm is-sirena kif ukoll il-*beacon lights* mixgħulin. Biss minkejja dan, ma jfissirx li min ikun qiegħed isuq tali vetturi tas-servizzi t'emerġenza għandu *carte blanche* li jsuq bl-addoċċ. Is-sewwieq ta' tali servizzi xorta waħda jibqa' marbut li jsuq bl-attenzjoni, diliġenża, ħila u raġonevolezza skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-kundizzjonijiet prevalenti fit-triq fil-mument u fil-lok fejn ikun qiegħed isuq. L-obbligu li s-sewwieq jieħu ħsieb li jsuq sew, b'mod attent u prudenti skont iċ-ċirkostanzi prevalenti quddiemu, li jżomm il-*proper lookout*, u *to see what is in plain view*, u li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura li jkun qiegħed isuq, xorta waħda jibqgħu fis-seħħ. F'dan is-sens din il-Qorti taqbel mal-espert tekniku kif ukoll mal-konsiderazzjonijiet legali tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha.

10. Fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati għamlet riferenza għal każistika Ingliża li tirrikonoxxi li min ikun qiegħed isuq vettura ta' servizz t'emerġenza, bħal *fire-engine*, mhux meħlus mill-obbligu li jżomm *the usual duty of care*, għalkemm dawn il-vetturi ma humiex marbuta bl-obbligu li jżommu mal-limiti tal-veloċita preskritti meta l-osservanza ta' dan l-obbligu jista' jfixkel l-effikaċja tar-risposta

rapida meħtieġa minn vettura tas-servizz. Biss din il-Qorti issa trid tara jekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-fattispecie u li waslu lil dik il-Qorti għall-konklużjoni tagħha li ssib ħtija fl-appellant ħlief għat-tielet u l-ħames imputazzjonijiet, kienetx legalment u raġjonevolment korretta.

11. F'dan il-każ jirriżulta li verament l-appellant kien qiegħed isuq b'veloċita ogħla minn dik regolamentari. Iżda meta kien qiegħed jagħmel hekk, huwa kien qiegħed isuq vettura tas-servizz, li kienet imsejħa fuq emerġenza, kellu l-*beacon lights* mixgħulin kif ukoll kellu s-sirena qegħda tindaqq. Huwa kien qiegħed isuq fi triq li kienet prinċipali u kien qiegħed isuq fid-direzzjoni tat-traffiku. Huwa ma kienx qiegħed jagħmel xi manuvri ta' sorpass jew xi manuvri inkonsulti jew azzardati jew perikolużi fil-mument li kien qiegħed isuq taħt emerġenza – għajr ħlief li kien qiegħed isuq b'veloċita li kienet għola minn dik regolamentari.

12. Mill-banda l-oħra Galea, li wkoll kien qiegħed isuq fl-istess triq iżda ġej mid-direzzjoni opposta, jirriżulta li kellu l-veloċita tiegħu li kienet waħda relattivament baxxa. Biss Galea, a differenza tal-appellant, ma baqgħax miexi għad-dritt; anzi ried jintraprendi manuvra li permezz tagħha mit-triq prinċipali li kien qiegħed isuq fuqha, ried idur għal triq sekondarja li kienet tinsab fuq ix-xaqliba opposta tat-triq li kien qed isuq fuqha. Biex jagħmel dan għalhekk, huwa ried ta' bilfors jinvadi u jsuq fuq il-karreġġjata opposta,

jiġifieri jaqsam fuq dik it-triq li minnha kien ġej it-traffiku kontra tiegħu u minn fejn kien qiegħed isuq l-appellant.

13. Kien jispetta lil Galea għalhekk li, qabel xejn, ried joqgħod b'attenzjoni speċjali u b'diliġenza akbar li jara li qabel ma jibda jintraprendi din il-manuvra huwa jżomm il-*proper look-out* kostanti, li jara *what is in plain view*, li jisma' sewwa sew xi jkun qed jiġri fit-triq madwaru u jassigura li ma jkunx hemm xi vetturi oħra li jkunu ġejjin mid-direzzjoni opposta qabel ma jaqsam. F'dak il-mument, kien hemm il-vettura misjuqa mill-appellant li kellha s-sirena mixgħula u l-*beacon lights* mixgħulin, u li evidentement kienet fil-viċinanzi ta' fejn kien qiegħed isuq Galea. Dawn iż-żewġt vetturi kienu f'distanza relattivament qrib xulxin. Id-differenza bejniethom kienet li l-vettura misjuqa mill-appellant kienet bil-*beacon lights* mixgħula u bis-sirena ddoqq. Dan il-fatt kien jixħet oneru akbar fuq Galea li oġġettivament ried joqgħod aktar attent għal dak li l-vettura tal-emerġenza li jekk għall-grazzja tal-argument ma kienetx għadha viżibbli minn fejn kien – ħaġa li din il-Qorti ssibha diffiċli taċċetta għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati aktar l-isfel - suppost li kellu almenu jisma' s-serena tagħha ddoqq.

14. Is-sireni tal-vetturi tal-Korp tal-Pulizija għandhom twerżieqa qawwija ħafna, b'noti akuti, li diffiċli ma tismagħhomx anke minn distanza li tkun relattivament il-bogħod. Għalkemm din il-Qorti forsi tista' tifhem li l-*beacon lights* mixgħulin fil-17:20 fix-xahar t'April setgħu ma jagħtux wisq fil-għajn minħabba li jkun għadu relattivament id-dawl, issibha ferm diffiċli temmen li Galea, fl-ebda

mument qabel l-impatt ma sema' d-daqq ta' din is-sirena, meta l-vettura tal-pulizija kienet daqshekk viċin ta' fejn kien qiegħed isuq hu, u f'żona fejn ma kienx hemm ħafna bini jew ostakli oħra li jistgħu itaffu jew jgħattu l-ħoss tensjuż tas-sirena tal-karozzi tal-Pulizija.

15. Anke jekk, *gratia argomenti*, Galea ma semgħax din is-sirena, xorta waħda kien jinkombi fuqu li jippresta attenzjoni speċjali qabel jaqsam it-triq u jagħlaq l-aċċess għall-*on coming traffic* bil-manuvra t'attraversament tiegħu. Issa din il-Qorti tifhem li dawn l-inċidenti jseħħu f'tebqa t'għajn - kwistjoni ta' sekondi jekk mhux ukoll frazzjoni tagħhom. Iżda l-konfigurazzjoni ta' dik it-triq partikolari, għalkemm fiha liwja, tali liwja mhix tali li tostakola bil-kbir il-viżwali tal-*oncoming traffic* minn distanza. L-espert tekniku jgħid li l-viżwali f'dik il-parti tat-triq hija ta' mija u ħamsin metru. Jekk skont dak li hemm fir-relazzjoni tal-espert tekniku huwa minnu li l-vettura tal-Pulizija daret b'121 kilometru fis-siegħa – fatt li mhux daqshekk ċert u skontat daqs kemm jidher li assumiet li hu l-Qorti tal-Maġistrati – din tkun daret il-liwja f'4.46 sekondi. Dan jinstema' bħala ammont ta' ħin qasir, iżda fuq it-triq, dan il-ħin huwa relattiv.

16. Fil-*Highway Code* Malti, f'regolament 281 jingħad li s-*shortest stopping distances* espressi f'metri, u f'kundizzjonijiet ottimali, huma li jekk vettura tkun qegħda tinstaq b'veloċita ta' 110 kilometru fis-siegħa it-*thinking distance* ikun dak ta' wieħed u għoxrin metru filwaqt li l-*braking distance* ikun dak ta' ħamsa u sebgħin metru. Dan iwassal għal *overall stopping distance* f'total ta' sitta u disgħin metru.

Issa anke jekk din il-Qorti għall-grazzja tal-argument tabbraċċja t-teżi li l-veloċita li biha l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura tas-servizz qabel l-impatt kienet ta' 121 kilometri fis-siegħa, dan jiġi ftit aktar minn dik ta' 110 kilometru fis-siegħa msemmi fil-*Highway Code.* Għalhekk dan iwassal għal *thinking time* u *braking distance* maġġuri mill-i*standard* imsemmi fil-*Highway Code*. Iżda żgur li t-total tal-*overall stopping distance* xorta waħda kien ikun anqas minn mija u ħamsin metru – ċjoe d-distanza li l-espert jgħid li kienet tifred il-liwja li hemm fit-triq għal post fejn kienet tinsab il-vettura ta' Galea – u ċjoe d-distanza li din il-Qorti tifhimha bħala dik fejn dawn iż-żewġ vetturi setgħu jaraw lil xulxin għall-ewwel darba.

17. Jiġifieri jekk il-kalkoli tal-espert kienu korretti, kieku Galea beda l-manuvra tiegħu hekk kif l-appellant laħaq dik il-parti tat-triq li minnha setgħa jara lill-Galea, f'dik il-parti tat-triq, kieku applika l-*brakes* mill-ewwel, huwa kien jinsab f'*overall stopping distance* ogħola minn dik regolamentari. Dan peress li jekk l-appellant setgħa jara lil vettura ta' Galea u Galea setgħa jara l-vettura misjuqa mill-appellant minn distanza ta' mija u ħamsin metru – u l-*overall stopping distance* għall-vettura misjuqa mill-appellant, almenu fuq il-ktieb, kienet dik ta' ftit aktar minn sitta u disgħin metru. Kieku l-appellant ra lill-Galea mal-ewwel opportunita hekk kif wasal mal-liwja u applika l-*brakes* mill-ewwel, almenu skont l-istandard imsemmi fil-*Highway Code* huwa setgħa kien f'qagħda li jieqaf qabel l-impatt mal-vettura ta' Galea. Dment pero li Galea kien verament beda jaqsam il-karreġġjata qabel ma l-appellant xiref minn mal-liwja. Din il-Qorti pero mhix konvinta li fil-fatt ġara hekk.

18. Din il-Qorti ma għandhiex prova li turi li l-appellant ma kienx moħħu hemm waqt li kien qiegħed isuq, jew li huwa ma rax lill-vettura ta' Galea mill-ewwel opportunita li huwa kellu. Il-prova li din il-Qorti għandha kontra l-appellant hija li kien qiegħed isuq b'veloċita ogħla minn dik regolamentari. Iżda ma hemmx prova li turi li kien distratt, mhux attent jew li ma rax il-vettura ta' Galea mal-ewwel opportunita disponibbli għalih. Anzi stando mad-dikjarazzjoni magħmula mill-appellant lill-espert tekniku, huwa kien konċentrat fuq it-triq minħabba li kien qiegħed fuq emerġenza.

19. B'hekk kieku verament Galea kien laħaq intraprenda l-manuvra t'attraversament qabel ma l-vettura misjuqa mill-appellant laħqet dik il-parti tat-triq milwija u b'hekk kienet għadha ma tidherx, l-appellant kien ikollu distanza biżżejjed biex iwaqqaf il-vettura tiegħu kieku applika l-*brakes* mal-mument li huwa setgħa jara l-vettura ta' Galea taqsam minn distanza ta' madwar mija u ħamsin metru. Iżda dan ma seħħx. U dan huwa wkoll indikattiv li Galea intraprenda l-manuvra t'attraversament **wara** li l-appellant laħaq il-liwja b'mod li ġie li ostakola l-karreġġjata li minnha kien qiegħed isuq l-appellant, u l-appellant minħabba f'hekk ma kellux *overall stopping distance* biżżejjed minħabba li ġie maħsud – u dan bil-konsegwenzi serji li segwew.

20. Li Galea intraprenda din il-manuvra wara li l-appellant kien xiref mill-liwja u b'mod li qasam u ostakola l-passaġġ liberu tal-appellant huwa sorrett mhux biss mill-kalkoli tal-espert jew dawk oġġettivi

msemmija fil-*Highway Code*, iżda wkoll mix-xiehda tal-passiġġieri fil-vettura misjuqa mill-appellant lill-espert tekniku. Mid-deposizzjoni ta' PC86 Daniel Grima lill-espert tekniku insibu li:

> Kif qrobna lejn il-post rajt vettura fil-viċin ħafna dieħla *head on* għal ġo fina. Nassumi li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta sabiex tidħol fit-triq sekondarja. Kif is-sewwieq l-ieħor għamel il-manuvra PC Malcolm Sammut ġibed l-*isteering* sabiex jevita l-ħabta u ħassejt il-vettura tnaqqas il-veloċita.

21.PC 1359 Reuben Zammit jistqarr mal-espert tekniku li :

> Ngħid li vetturi quddiemna ma kienx hemm u bqajna fil-karreġjata tagħna mingħajr ma kien hemm bżonn ma nagħmlu l-ebda manuvra ta' *overtaking*. Ma nafx b'kemm konna għaddejjin iżda konna għaddejjin b'saħħitna għax konna sejrin fuq emerġenza. F'daqqqa waħda kif wasalna mal-inkroċju rajt il-vettura ta għamla Toyota mudell Corolla ġejja mid-direzzjoni opposta. Hu ġibed għal ġo fina sabiex jidħol fit-triq sekondarja li kien hemm fuq ix-xellug tagħna. Ix-xufier li kien qiegħed isuq il-vettura tagħna ġibed l-*isteering* għal fuq il-lemin biex jevita l-ħabta *head on* pero l-impatt xorta seħħ għax ħbatna fit-Toyota fuq in-naħa tax-xellug ta' wara...Waqt li kont fuq il-post smajt il-mara tgħid li hi kienet ratna ġejjin u li hu ma raniex minħabba l-pilastru.

22.Fis-sentenza tal-Qorti Ingliża fl-ismijiet ***Keyse vs. The Commissioner of Police of the Metropolis***[1] vettura tal-Pulizija li kienet qegħda tinstaq waqt il-ħin tas-servizz laqtet lil ċertu Mr. Scutts u kkaġunatlu offiżi ta' natura gravi. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet sabet lil-Pulizija li kien qiegħed isuq responsabbli għal dan l-inċident. L-Uffiċjal tal-Pulizija appella minn din is-sentenza. Il-Qorti tal-Appell, komposta mill-Imħalfin, Lords Judge, Latham u Lloyd, iddeċidiet li teħles lis-sewwieq Uffiċjal tal-Pulizija mir-responsabbilta għall-inċident wara li qieset is-segwenti : -

> even in an emergency, a driver is required to drive reasonably carefully in all the circumstances. One significant feature of such cases where the

[1] 2001, EWCA Civ 715.

> vehicle in question is deployed by one of the emergency services, is that the driver is normally entitled to assume that other road users will not ignore the unmistakable evidence of its approach, and where appropriate, temporarily at any rate, will use the road accordingly. Pedestrians can usually be expected to follow the relevant advice in the Highway Code. although drivers should allow for the unexpected when they are at the wheel of a car, it would inhibit the valuable work done for the community as a whole, if drivers in the emergency services were not allowed to drive their vehicles on the basis that pedestrians would recognise their warning lights and sirens and give them proper priority by keeping out of their paths.

23. Din il-Qorti jidhrilha li minn dan il-kwadru probatorju huwa minnu li l-appellant kien qiegħed isuq b'veloċita akbar minn dik regolamentari. Iżda fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ladarba kien qiegħed isuq vettura tas-servizz, meta huwa kellu l-*beacon lights* u s-sirena mixgħula, u waqt emerġenza, huwa setgħa jagħmel dan mingħjar ma jikser il-Liġi. Il-manuvra ta' sewqan b'veloċita għola minn dik regolamentari waħedha, magħmula f'dawk iċ-ċirkostanzi, u li ma tkunx akkumpanjata minn provi li juru li s-sewwieq imbarka fuq manuvri inkonsulti, azzardati jew xort'oħra perikolużi għal *oncoming traffic, road users* jew *pedestrians*, ma jistgħux jitqiesu li jissodisfaw l-element tal-*culpa* meħtieġa biex jintegraw ir-reati li tagħhom l-appellant ġie misjub ħati. F'dan il-każ, din il-veloċita waħdeha ma kienetx ser tikkawża dan l-inċident; u l-anqas ma kienet ir-raġuni għaliex l-appellant ma kellux kontroll sħiħ tal-vettura tiegħu. In-nuqqas ta' kontroll sħiħ irriżulta li kienet il-manuvra inkonsulta ta' Galea li jaqsam it-triq u li joħloq ostaklu u emerġenza subitaneja lill-appellant li qajla, b'mod raġonevoli, setgħet tkun prevista minnu.

24. Daqskemm il-Pulizija u s-sewwieqa ta' ambulanzi, *fire-engines* u vetturi t'emerġenza għandhom obbligu li jieħdu ħsieb li jsuqu sew, b'mod attent u prudenti skont iċ-ċirkostanzi prevalenti quddiemhom, daqstant ieħor għandhom jagħmlu s-sewwieqa l-oħra li jkunu fit-triq – u b'mod partikolari meta jisimgħu jew jaraw vetturi bħal dawn li għandhom ituhom il-preċedenza u mhux jibqgħu għaddejjin jew jinjorawhom. Dan huwa parti mill-messaġġ li Lord Justice Judge ried iwassal wara s-sentenza ***Keyse vs. The Commissioner of Police of the Metropolis***. U huwa l-istess messaġġ li trid twassal din il-Qorti.

25. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati li s-sewqan tal-appellant, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, setgħa jitqies li kien b'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, jew li wera nuqqas ta' ħila jew saħansitra li naqas milli jħares ir-regolamenti; u li kien frott ta' dawn in-nuqqasijiet tal-appellant li seħħew il-ħsarat fil-vetturi GVP 635 u EBO 081 kif ukoll l-offiża gravi fuq il-persuna ta' Keira-Jewel Galea. L-anqas ma taqbel li fiċ-ċirkostanzi tal-każ is-sewqan ta' l-appellant huwa ritenibbli traskurat. Din il-Qorti ma tqisx dawn il-konklużjonijiet bħala li huma *safe and satisfactory*. In kwantu tali, l-anqas ma tista' tiġi ritenuta integrata il-kwalifikanti ai termini tal-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali li tiddependi minn sejbien ta' ħtija ta' reati.

# ***Deċide***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Malcolm Brandon Sammut, u filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn din sabet lill-appellant mhux ħati tat-tielet u l-ħames imputazzjoni, fil-kontemp tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u s-sitt imputazzjoni, u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-istess imputazjonijiet u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***